# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

It-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fin-12.30pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca - Kunsillier

SKUŻATI:

Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 11.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-Kunsillier Frankie Attard talab li jkun skużat mil-laqgħa. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku qal illi ġbidna l-attenzjoni lill-Kerċem Ajax FC peress li l-kont tal-Playing Field qed jiġi għoli ħafna. Huma mal-ewwel ħallsu s-sehem tagħhom. Tlabnihom ukoll iċ-ċavetta tal-bieba tal-aluminium fejn hemm il-meter tad-dawl u tawna kopja taghha ukoll.

11.3.2 Inqrat email li ntbgħatet minn Kercem Ajax FC fejn qed jitolbu Eur900 għall-party tal-Milied tan-Nursery. Is-Sindku qal li hu, bħala President tan-Nursery, ser joqgħod barra minn din id-deċiżjoni pero' tenna l-pożizzjoni li dejjem ħa biex ma jingħatawx dawn it-tip ta' flus. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ddeċieda li mhux ser jaċċettaha.

1.3.3 Dwar l-iskema Ġonna fl-Urban, fejn il-Kunsill ħa xi fondi sabiex jixtri s-siġar taċ-ċitru u taż-żebbuġ, ġie deċiż li nistgħu nordnawhom.

11.3.4 Il-Kunsill kien irċieva email mingħand Wirt Għawdex dwar 'Emergency Conservation Order for British Barracks at Fort Chambrai' għall-attenzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill Lokali tagħna irrisponda illi qed jaqbel li dawn jiġu ppreservati wara li tliet Kunsilliera qablu ma' dan.

11.3.5 Is-Sindku qal illi tlabna laqgħa mal-Kunsill Lokali tar-Rabat sabiex niddiskutu dwar l-immaniġjar tat-traffiku fi Triq Wied il-Lunzjata.

11.3.6 Il-Kunsill irċieva ittra minn Mons Cremona, Rettur tal-Knisja tal-Lunzjata, fejn qed jitlob xi għajnuna għall-festa tal-Lunzjata. Il-Kunsill iddiskuta illi ma jistgħax jixtri jew jgħin b'tali mod li jixtri affarijiet bħalma qed issir it-talba għaliex inkella ser ikun qed joħloq kontroversja mill-għaqdiet l-oħra tar-raħal. Il-Kunsillier Horace Vella issuġġerixxa li jista' jressqu ma' xi għaqdiet biex min irid jagħmel xi attivita' fi żmien il-festa sabiex fl-istess ħin ikun qed jarma għall-festa bid-dawl tal-attivita'. Ħadd ma sab oġġezzjoni iżda s-Sindku ċċara illi jekk se jsir hekk, din tkun biss inizzjattiva mill-għaqda u mhux mill-Kunsill Lokali.

11.3.7 Irċevejna l-approvazzjoni mid-DLG għax-xogħoliet tal-boltijiet fuq Triq Għajn Tuta sabiex ikunu jistgħu isiru mill-istess kuntrattur li qed jagħmel it-triq. Issa ser nitkellmu mal-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħtuna l-fondi għax-xogħolijiet addizzjonali.

11.3.8 Is-Sindku qal illi s-sejħa għall-vakanza sabiex ningaġġaw lil xi ħadd fuq l-iskema CIES ftaħniha għal Part 3 u min hu fuq il-lista jista' japplika sal-25 ta' Jannar 2025. Wara li tagħlaq ser isiru l-intervisti mill-istess bord tal-intervisti li saru qabel u jekk jintgħażel xi ħadd immexxu għall-approvazzjoni.

11.3.9 Is-Sindku semma illi kellmitna Naomi Galea, il-Manager tal-Kultura tar-Reġjun t'Għawdex, u peress li Għawdex ser ikun ir-Reġjun tal-Kultura għas-sena 2025, ser ikunu qed jorganizzaw attivita' f'kull raħal fil-weekend tal-1 u 2 ta' Frar 2025. Is-Sindku qal illi ssuġġerielha illi nagħmlu tour ġewwa l-Għar t'Għar Ilma, nuru l-kamra tal-kanali u nniżluhom fil-mina tal-ilma. Din l-attivita' ser issir nhar il-Ħadd 2 ta' Frar fl-10am.

11.3.10 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari SPI/SCI/01/2025 – Korsijiet tal-Lifelong Learning. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet illi napplikaw għal żewġ korsijiet li jkunu: Sewing Basics u Maltese as a Foreign Language. Kulħadd qabel li jsir hekk.

## 11.4 Għad-Dell tal-Akwadott 2025

Is-Sindku semma din l-attivita' li saret f'Awwissu li għadda li kienet suċċess u ġabret ħafna nies. Huwa qal li ħa gost ukoll jara lill-għaqdiet jaħdmu ma' xulxin. Huwa ssuġġerixxa illi terġa' tittella' b'mod daqsxejn iżgħar peress li mhux ser ikollna l-fondi li kellna d-darba l-oħra imma li norganizzaw attivita' bil-magna tad-dris. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea. Saret diskussjoni u sar qbil li naraw minn fejn nistgħu inġibu l-fondi għaliha. Ġie diskuss li nistgħu nikkunsidraw li napplikaw għall-fondi tal-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar ukoll. Id-data li qed jippjana għaliha l-Kunsill bħalissa hija s-16 ta' Awwissu 2025.

## 11.5 Sagra ta' San Girgor 2025

Għal din l-attivita', il-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar tana Eur1,500.

## 11.6 Miżura 3 – Attractions and Innovative Events for all Seasons

Is-Sindku semma illi wara li kien hemm xi rapporti li dwar l-attivita' li saret f'Awwissu jista' jkun hemm xi affarijiet li mhux qed isiru skond l-offerti, tlabna direzzjonijiet minn diversi awtoritajiet fosthom, l-ARPA, MA, GAGF, DLG u DOC. Id-DLG talabna biex nieħdu parir legali kif filfatt sar ukoll. Sadanittant, irċevejna korrispondenza mill-ARPA fejn qed jinfurmawna illi l-ARPA, fid-dawl ta' dawn ir-rapporti, mhijiex ser tkun qed tagħti Advanced Payment lill-Kunsill Lokali u għalhekk, il-Kunsill irid iħallas il-proġett kollu hu u mbagħad jagħmel il-claims. Il-claims jiġu mħallsa malli jsiru l-verifiki kollha li kollox mexa tajjeb.

Is-Sindku żied jgħid illi tkellimna ukoll mal-kuntrattur tal-magna tad-dris biex naraw f'liema stadju wasal ix-xogħol. Se nibgħatulu ukoll bil-miktub u dwar il-penali illi jista' jeħel biex nimxu mal-kuntratt.
Ġew ippreżentati ukoll żewġ fatturi ta' PowerSound. Dawn ser jintbgħatu għaċ-ċetifikazzjonijiet. Sar qbil bejn il-Kunsill kollu illi fuq il-fattura li tinkludi l-'fireworks', il-persuna kompetenti mqabbda mill-Kunsill Lokali għandha tgħid bl-eżatt u tiċċertifika l-ammont ta' nar li kellu jinħaraq u dak li fil-fatt ġie maħruq. Wara dan, il-Kunsill jiddeċiedi ukoll x'għandu jitħallas u x'penali għandu jeħel il-kuntrattur f'każ ta' nuqqasijiet minn naħa tal-kuntrattur.
Hawnhekk, il-Kunsillier Horace Vella żied jgħid li bħala Kunsill għandna nżommu l-garanzija ta' PowerSound li għamel mal-kuntratt tal-attivita'. Ħadna nota ta' dan.

Horace Vella żied jgħid li dan minħabba illi Ronnie Dimech ta' PowerSound avviċinah sabiex Vella jikri l-garaxx tiegħu personali lil Dimech u dan aktarx sabiex Dimech ikun jista' jdaħħlu fl-inkwiet peress li l-garaxx tiegħu issa ser ikun qiegħed iżomm il-magna tad-dris skond il-kuntratt.

## 11.7 Gozo Tourism Awards 2024

Is-Sindku qal li saret l-applikazzjoni għal dawn l-awards bl-attivita' 'Għad-Dell tal-Akwadott'.

## 11.8 Performance Bonus tal-istaff għas-sena 2024

Il-Kunsill approva l-performance bonus massimu għas-Segretarju Eżekuttiv, l-Assistant Principal u l-Animal Steward.

## 11.9 Ilmenti u Suġġerimenti

11.9.1 Saret talba mit-tabib tal-berġa sabiex il-berġa tibda tinfetaħ it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa flok kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa u talab illi miżata tiegħu titla' għal Eur35 kull ġurnata. Il-Kunsill ma qabilx li jnaqqas is-servizz u għalhekk ser ninfurmawh illi l-berġa għandha tibqa' tinfetaħ kuljum.

11.9.2 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca ressaq dawn is-suġġerimenti:

- Sabiex jeħlu l-bankijiet ta' fejn il-bus shelter fi Triq l-Avukat A Calleja. Is-Sindku qal illi ma sabx min jaħdmilna l-bażi ta' taħthom illi trid tkun tal-ġebel. Għalhekk ġie diskuss illi s-saqajn isiru tal-ħadid.;
- Sabiex naraw fejn ser nistorjaw l-istruttura tat-tinda peress li fil-garaxxijiet hemm l-umdita';
- Sabiex jitranġa ħajt fi Triq Sarġ. Ser nagħmlu talba lill-Ministeru għal Għawdex;
- Sabiex titranġa rampa li kienet isservi bħala aċċess għal għalqa fi Triq Sarġ.

Din ir-rampa, li kienet diġa’ eżistenti, tkissret waqt li kienu għaddejjin bix-xogħolijiet tat-toroq. Bħalissa, sid l-għalqa ma jistax jidħol bil-moħriet. Is-Sindku infurmah illi l-aħjar imorru fuq il-post u jaraw x’hemm.

- Sabiex jinbidel il-madum ta’ bankina fi Triq San Girgor. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

11.9.3 Il-Kunsillier Horace Vella talab li ssir mera fi Triq Santa Katerina tal-Qabbieża. Ħadd ma sab oġġezzjoni. Huwa ser jindikalna eżatt fejn għandha tiġi.

11.9.4 Is-Sindku qal illi saritlu talba biex issir mera fejn għalqa fi Triq Santa Katerina tal-Qabbieża. Din mhijiex triq u ma jrid li jinħoloq precedent. Ġie deċiż li ma ssirx.

11.9.5 Il-Viċi Sindku talbet li jsir ftit patching mal-ġenb ta’ rampa ta’ garaxx fi Triq ta’ Xewka peress li r-resident qed jidħollu l-ilma. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 11.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 11.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-1.40pm u ġiet aġġornata għas-17 ta’ Frar 2025, fin-12.30pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv